# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Triq il-Kbira San Gużepp

Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664

indirizze: santavenera.lc@gov.mt


**16/19**

**Is-Sittax (16) -il laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar it-Tnejn 22 t' Ottubru, 2013 fil-6.30 ta' filgħaxija**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Stephen Sultana | - | Sindku |
| | Is-Sur Silvio Vella | - | Kunsilliera |
| | Is-Sur Jason Mangani | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Elizabeth Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Horace J. Anastasi | - | Kunsillier (daħal għal-laqgħa fis-19.~~25~~) 16 |
| | Is-Sur Darren Carabott | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Ranier Busuttil | - | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **Skużat:** | Is-Sur Jonathan Brimmer | - | Viċi Sindku |

**Aġenda:**

1. ***Talba***
2. ***Qari u approvazzjoni tal-minuti 15/19***
3. ***Affarijiet li jitqajjmu mil-minuti***
4. ***Korrispondenza***
5. ***Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni***
6. ***Ilmenti***
7. ***Ordnijiet tal-Ġurnata***
   ***(a) Ġieħ Santa Venera***
   ***(b) Attivitajiet għal Novembru***
8. ***Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati***
9. ***Kominikazzjoni mis-Sindku***
10. ***Aġġornament***

1 Il-laqgħa bdiet fis-6.35 ta' filgħaxija.

*2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti*

2.1 Il-Minuti 15/19 ttieħdu bħala moqrija

2.2 Korrezzjoni tal-Minuti 15/19
2.2.1 Minuta 4.7 – Fl-ewwel sentenza jinbidlu l-kliem "għandna" u jsiru "għandha".

2.2.2 Minuta 4.8 – Flok "Irċevejna ittremill-iskola" tiġi "Irċevejna ittre mill-iskola".
2.2.3 Minuta 6 – Ilment numru 220 tinbidel il-kelma "ħaż" u ssir "każ"; ilment 221 jinfired minn ilment 222.

2.3 Approvazzjoni tal-Minuti
2.3.1 Il-Minuti ġew approvati unanimament

*3* ***Affarijiet li jitqajjmu mil-minuti***

3.1 Minuta 3.1 Is-Sindku qal li inħarġet stqarrija fil-media u saret laqgħa mal-Ministru Joe Mizzi. Minn din il-laqgħa ikkonkludejna li ser nidhru quddiem kumitat tat-tismija tat-toroq sabiex inressqu l-punti tagħna.

3.2 Minuta 3.2 – Is-Sindku qal li ser jinħareġ avviż għal kwotazzjonijiet fil-ġimgħat li ġejjin.

3.3 Minuta 3.3 – Rigward il-*Car Free Day* is-Sindku ippreżenta r-rendikont tal-attivita fuq il-mejda tal-kamra.

3.4 Minuta 3.4 – Is-Sindku qal li t-tilqima ser tingħata l-ġimgħa d-dieħla. Għalhekk ser isir avviż li jinqara fil-quddies u ser jitwaħħlu ukoll avviżi fuq in-*notice boards*. Is-Sindku qal li il-ġranet tat-titqiba ser ikunu it-Tlieta, l-Erbgħa u l-Ħamis. Għal din it-titqiba l-Kunsill ser ikollu jaħseb sabiex jixtri t-tajjar u l-ilma bil-melħ.

3.5 Minuta 3.6 – Is-Sindku qal li fuq is-Sotto Kumitat tal-Edukazzjoni u Relazzjonijiet Pubbliċi, *hemm il-ħsieb li tinżdied persuna oħra.*

3.6 Minuta 3.8 Paragrafu 2 - Is-Sindku ippreżenta petizzjoni mir-residenti tal-akkwati ta' Triq l-Omnibus. Ir-residenti jixtiequ li jsir *traffic management* differenti minn dak attwali. Wara diskussjoni l-Kunsill iddiskuta dan it-*traffic management* ġdid u ser jgħaddih lil Trasport Malta għal approvazzjoni. Eventwalment hekk kif jiġi approvat, hemm il-ħsieb li tissejjaħ laqgħa pubblika għar-residenti tal-akwata.

3.7 Minuta 4.4 – Il-korsijiet tat-TCTC ser jibdew kif ippjanat. Is-Sindku rrimarka ukoll li kellhom jinxtraw l-imwejjed tal-pine in vista li konna ġibna mill-Education rieduhom lura. Ħadd ma oġġezzjona dwar dan.

3.8 Minuta 6 – Ilment 233, is-Sur Sultana qal li stickers ġew ordnati 500 minflok 1,000.

3.9 Minuta 7b –
Is-Sur Darren Carabott qal li il-linja ta' gwida għandhom jitqassmu wkoll mal-applikazzjoni biex jimxu fuqhom.

Is-Sinjura Vella qalet li kumitati u għaqdiet li għandhom statut għandu jkollhom id-dritt li jinnominaw persuna jew għaqdiet. Apparti hekk fejn hemm id-definizzjoni ta' għaqda għandhom ukoll jidħlu għaqdiet politiċi. Is-Sur Sultana rrimarka li hu kien ġab eżempju bih li ma jistax ikun nominat peress li attiv politikament.

Is-Sindku rrimarka dwar il-fatt li l-linji gwida kienu għand il-Kunsilliera kollha u setgħu jibdlu dak li xtaqu. Huwa fakkar li l-Kumitat tal-Għażla mxew fuq il-Linji Gwida li kien approva l-istess kunsill. Huwa ħeġġeġ lill-Kunsilliera sabiex jekk hemm xi affarijiet fil-linji gwida li jridu jibdlu, għandhom kull dritt li jressqu mozzjoni sabiex eventwalment tiġi diskussa.

~~3.9~~ 3.10 Minuta 9.2 – Is-Sur Carabott irrimarka li kienu saru wkoll rimarki fuq l-awdjo fil-karozza ta' kull bus stop li tieqaf, fuq ċaqlieq ta' bus stages u digital time table mal-bus stops.

3.10 Minuta 9.4 – Pjan Lokali is-Sindku qal li l-laqgħa li kienet skedata għal 11 t' Ottubru ma saritx minħabba li ma ġewx nies, għalhekk is-Sur Sultana ippropona li din terġa ssir nhar il-Ġimgħa 29 ta' Novembru fis-6pm dejjem kemm il-darba inkunu għandna fiż-żmien li nistgħu inqajmu punti mal-MEPA.

3.11 Minuta 9.5 – Is-Sindku qal li l-attivita ta' Jum l-Anzjani saret u kienet tajba ħafna. Għal din l-attivita ħriġna wkoll xi ħaġa żgħira f' petty cash biex sar ftit cafe u te'.

**4 *Korrispondenza***

4.1 *Zarenu Vassallo Award – Is-Sindku ippropona lis-Sur Philip Chircop għal dan l-award minn* Santa Venera. Is-Sur Chircop għandu l-motivazzjonijiet kollha. Kulħadd qabel ma din il-proposta.

4.2 Korsijiet tal-Kompjuter mir-Richmond Foundation – Is-Sindku qal li minħabba li ~~sa Diċembru~~ ser ikollna il-korsijiet tat-TCTC u biex ma jaħbtulniex flimkien ippropona li l-Korsijiet tar-Richmond Foundation jibdew minn wara Jannar 2014. Il-post ser jipprovduh huma. Kulħadd qabel ma' dan.

Is-Sur Horace J. Anastasi daħal għal laqgħa fis-19.16.

**5 *Skeda tal-pagamenti Approvazzjoni***

5.1 Il-Pagamenti ġew approvati pero s-Sur Silvio Vella ilmenta fuq pagament PV321, tal-Gardinar u qal li fil-Ġnien Romeo Romano hemm telqa kbira u huwa għandu riservi fuq il-kont tiegħu. Is-Sur Anastasi ma qabilx miegħu fuq dan.

**6 *Ilmenti***

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 240 sa ilment numru 272. Id-deċiżjonijiet tagħhom huma dawn:

240 Ħaddiema Assenjati
241 Trasport Malta
242 1. Hemm kwistjoni mad-DLG; 2. Tneħħiet; 3. Ġie diskuss il-possibilta li jsir Traffic management ġdid u ser tgħaddi lil TM; 4. Kien hemm qbil sabiex tinġieb stima.
243 Trasport Malta
244 Is-sid tal-Garaxx iforni l-permessi tal-MEPA.
245 Saret
246 Saret
247 Ħaddiema Assenjati
248 Trasport Malta
249 Is-Sinjal jibqa abjad
250 Koptasin
251 Trasport Malta
252 WSC
253 Nibgħatu email lil Cini Institute
254 Jispeċifikaw ħin u ġranet u tinkiteb ittra lil TM
255 WSC
256 Ittra lir-residenti
257 Koptasin
258 M'hemmx policy fuq Un/Loading għal snack bars
259 Il-Kunsill qabel li ssir jew bi spejjeż bil-ftehim li għandna mal-Logografix.
260 Ħaddiema Assenjati
261 WSC
262 Trasport Malta (Dragon teeth)
263 Ħaddiema Assenjati
264 1. Issir no right turn u directional sign blue. 2. Isiru 2 tabelli 1 way, tinħareġ WO lill-Koptasin

265 Koptasin
266 Il-Kunsill ma qabilx minħabba li hija spiża kbira.
267 Inkellmu lir-Reġjun fuq il-possibilta li ssir CCTV
268 Koptasin
269 L-istess bħal ilment 242
270 Trasport Malta
271 Inġibu Stima
272 Kuntrattur jiżbor siġra fi Triq il-Kbira San Ġużepp

**7 Ordnijiet tal-Ġurnata**

(a) Ġieħ Santa Venera

Is-Sindku qal li daħlu 3 nomini fil-ħin.
In-nomini huma dawk tas-Sur Joe Vella, tas-Sur Mario Coleiro u tas-Sur Martin Gatt.

*Is-Sur Horace J. Anastasi ġie skużat mil-laqgħa fit-20.33*

Il-Kunsill iddiskuta ir-rakomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ġieħ tal-Għażla u ġie deċiż li ma jaċċettax il-kriterji tar-rakkomandazzjoni minħabba li kien hemm xi punti li ma kienx hemm qbil fuqhom u minħabba li n-nominati kollha kellhom xi ħaġa li tmur kontra l-linji ta' gwida.

Għalhekk fuq din il-bażi l-Kunsill fetaħ in-nomini mil-ġdid u ġie moqri l-profil ta' kull nominat.

Is-Sindku irrakomanda li s-Sur Mario Coleiro sabiex ikun ir-rebbieħ ta' Ġieħ Santa Venera ta' din is-sena minħabba li għandu l-motivazzjonijiet kollha. Is-Sur Darren Carabott issekonda din il-proposta u ħadd ma kellu oġġezzjoni.

(b) Attivitajiet għal Novembru

Il-Kunsill qabel li isiru dawn l-attivitajiet hekk kif ġejjin:

Jum Santa Venera Ġieħ Santa Venera – 14 ta' Novembru
Clean up Santa Venera - 23 ta' Novembru filgħodu
Festa tal-Għasel Casa Leone – 23 ta' Novembru filgħaxija
Santa Venera Tour - 30 ta' Novembru
~~Fun Run - 1 ta' Diċembru filgħodu~~
Health Awareness u Sports Day - 12 ta' Jannar
Tberik tal-Annimali u ~~Show~~ Attivita' – 12 ta' Jannar

***8. Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati***

8.1 Is-Sur Silvio Vella ippreżenta l-Minuti approvati tas-Sotto Kumitat tal-Ġonna u softareas.

8.2 Is-Sur Jason Mangani ippreżenta l-Minuti approvati tas-Sotto Kumitat tal-Familja, anzjani, qasam soċjali u persuni bi bżonnijiet speċjali

8.3 Is-Sur Jason Mangani ippreżenta l-Minuti approvati tas-Sotto Kumitat tal-Isports.

8.4 Is-Sur Ranier Busuttil ippreżenta l-Minuti approvati tal-Kumitat tal-Ġieħ.

***9 Kommunikazzjoni mis-Sindku*** MiHuba

9.1 Is-Sindku qal li ġejna ~~ordnati~~ mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex indaħħlu s-sistema tal-EPOS fil-Kunsill u napplikaw kemm mal-HSBC kif ukoll mal-BOV. Is-Sur Sultana qal ukoll li l-Kunsill ser jibda jeħel charge minima fuq kull min ser jibda iħallas bil-card.

9.2 Is-Sindku qal li kellna laqgħa mal-Perit Bezzina u l-Kuntrattur Schembri Bros. rigward ix-xogħol ta' Misraħ Santa Venera. Is-Sur Sultana qal li hu kellem lil perit kif ukoll lill-kuntrattur li l-Kunsill mhux kuntent bil-kwalita tal-pavimentar li sar għaliex qiegħed jitfarrak kollu wara biss 3 xhur. Minkejja dan l-Perit iċċertifika dan ix-xogħol. Il-Kuntrattur għad għandu pagament miżmum il-Kunsill minħabba dawn in-nuqqasijiet fost oħrajn. Is-Sur Anton Schembri biex jitħallas il-pagament pendenti, offra li jagħmel garanzija bankarja fuq il-madum tal-Misraħ Santa Venera kollu biex imbgħad naraw f'liema stat ikun u jinbidel fejn ikun hemm bżonn.

Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

Apparti dan hemm ukoll żball fuq it-toqob fejn ser jidħlu l-fanali tal-pedistall. Dan għaliex ma ġewx imkejjla sew. Is-Sindku ser jinforma lill-Kunsill bl-iżviluppi.

9.3 Is-Sindku ippropona li għal din is-sena nagħmlu xi forma ta' tiżjin tal-Milied biex ikun hawn atmosfera f'Santa Venera wkoll. Hu ippropona li nagħmlu 5 fustuni minn Strada Rjali sa Triq il-Kanun u Triq it-Turretta, li jaqsmu t-triq minn naħa sa naħa.

Fuq dan il-Punt is-Sindku ippropona lis-Sinjura Elizabeth Vella biex tieħu ħsieb iġġib xi sponsor mingħand il-ħwienet ta' dawk in-naħat imbgħad inġibu stima ta' dan id-dawl.

Is-Sur Silvio Vella ippropona wkoll li jkellem lil Ministeru sabiex jipprovdi xi fustuni bil-bozoz li jiddawwru mas-siġar. Kulħadd qabel ma' din il-proposta.

9.4 Is-Sindku ippropona li għal-nhar l-14 ta' Novembru, fl-okkażjoni ta' Jum Santa Venera u l-preżentazzjoni ta' Ġieħ Santa Venera isir riċeviment żgħir. Għal din l-attivita sar qbil li jkunu mistiedna wkoll ex. Kunsilliera, ex rebbieħa tal-ġieħ.

***10 Aġġornament***

10.1 L-aġġornament tal-laqgħa ġie iffissat għal nhar it-Tnejn 18 ta' Novembru, 2013 fis-6.30pm b'aġenda li tkun ikkomunikata aktar tard.

10.2 Il-laqgħa intemmet fid-9.35pm.

Stephen Sultana
Sindku

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Ezekuttiv

Ikkonfermati llum, ...18 | 11 | 2013...........